**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 8

It-Tnejn 20 ta' Jannar, 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**20 ta' Jannar 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**8.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-07 u Laqgħa Pubblika.

**8.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 7 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**8.3.01** Ċirkulari 23/2019 - Allokazzjoni Finanzjarja għal 2020. Flimkien maċ-ċirkulari il-Kunsil irċieva wkoll kif għandu jqassam l-allokazzjoni.

**8.3.02** Ċirkulari 01/2020 - Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2019

**8.3.03** Ċirkulari 02/2020 – Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularijiet, Memos u Noti

**8.3.04** Direttiva 01/2020 – Applowdjar tad-dokumenti statutorji fuq il-Websajt

**8.3.05** Direttiva 08/2019 – Servizz ta' knis fil-Lokalitajiet.

**8.3.06** Fis-17 ta' Jannar instemma l-appell – Kunsill Lokali Għasri vs. Awtorita' tal-Artijiet. Il-qorti ddeċidiet favur l-awtorità tal-artijiet u rrevokat l-ewwel sentenza. Il-Kunsillier Sammy Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru Ian Borg dwar dan il-każ.

**8.3.07** Il-Kunsill irċieva l-ewwel rapport mingħand il-"Contract Manager". F'dan ir-rapport issemmew xi affarijiet inkonnessi mat-toroq u l-latrina pubblika. Is-Segretarja għandha tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema tal-Kunsill dwar it-toroq kif ukoll tal-kuntrattur tal-Kunsill dwar xi tappieri u lill-kuntrattur dwar il-latrina pubblika.

**8.3.08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand "Artistic Director" dwar proġett ta' tlettax il-episodju ta' ġrajjiet li kienu seħħew fi gżiritna għat-televisjoni lokali bl-isem "Grajjiet Gaudos. Il-Segretarja għandha titlob aktar dettalji mingħandu.

**8.3.09** Cir AKL 2020/02 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-"Earth Hour" 2020. Din ser tiġi organizzata nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu 2020.F'dan l-avveniment jintfew xi dwal bħal tal-pjazzez, ristoranti jew ħwienet f'din is-siegħa fil-lokalitajiet.

**8.3.10** Emajl mingħand l-"Animal Welfare" dwar skema ġdida sabiex tiġi ndirizzata l-popolazzjoni tal-qtates fil-lokalitajiet. Fil-proġett hemm inkluż ukoll "Cat Cafe".

**8.3.11** Il-Kunsill irċieva talba biex titneħħa l-"parking bay" faċċatta tal-iskola peress li din mhux tiġi użata mill-vanijiet tat-trasport tal-iskola. Is-Sindku issuġġerixxa li minflok issir il-"parking tad-disabled". Din titneħħa minn ħdejn iz-zuntier. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

**8.3.12** Il-Kunsill ġie mitlub biex jikkollabora sabiex jittella l-kunċert fi żmien il-festa. Il-Kunsill qabel u għandu jitlob lill-Kappillan dwar id-data ta' din l-attivita. Il-Kunsill ser jżid l-ammont ta' l-għajnuna b'€50 mis-sena 2019.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**8.4.01** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace ta' rendikont tal-laqgħa li attenda tar-Reġjun Għawdex.

**8.4.02** Qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa mal-"Friends of the Sick and Elderly" dwar is-servizzi li dawn joffru. Is-servizzi li jofru għandhom jiġu nklużi fin-Newsletter li joħroġ il-Kunsill.

**8.4.03** Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill dwar id-diskussjonijiet li kellu mal-kappillan dwar il-pjan tal-Kunsill biex jirranġa ż-żona ta' madwar il-knisja u jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Ġew mitluba aktar dettalji mill-Kunsill.

## 8.5 Attivitajiet tal-Milied-Follow up.

**8.5.01** L-attivitajiet tal-Milied kienu suċċess. Hemm bżonn li jitjieb it-tiżjin tat-toroq.

## 8.6 Attivita' ta' Settembru 2020.

**8.6.01** Wara diskussjoni ġie deċiż li l-attivita Traditions ser tkun fil-5 ta' Settembru 2020. Dan peress li l-Kumitat tal-Festa ma qabilx li din l-attivita' għandha tkun il-Ħadd 20 ta' Settembru anke jekk it-Tnejn 21 ta' Settembru hija festa pubblika. Matul ix-xahar ta' Settembru hemm ħafna attivitajiet oħra li qed jiġu organizzati. Il-Kunsill diġa ħa ħsieb biex jibbukkja għas-Sibt 19 ta' Settembru 2021.

## 8.7 Xogħol fil-latrina pubblika - kwotazzjonijiet

**8.7.01** Peres li ma kienux inġabru tlett kwotazzjonijiet, l-offerti mitfugħa ma ġewx miftuħa. Dawn għandhom jinfetħu fil-laqgħa tal-Kunsill li jmis.

## 8.8 Appraisal Reports/Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv.

**8.8.01** Is-Sindku għamel mozzjoni verbali sabiex is-Segretarja Eżekuttiva tieħu l-"performance bonus" bis-sħiħ, jiġifieri 10%. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Salvatore Felice Pace u approvata unanimament.

## 8.9 Resurfacing ta' Triq Wied Sara. Ħruġ ta' offerti.

**8.01** Peress li l-Ministru għal Għawdex inbidel, is-Sindku ser jitlob laqgħa mal-Ministru l-ġdid, l-Onor. Clint Camilleri biex jara jekk l-kuntratt dwar it-tranġar ta' Triq Wied l-Għasri hux ser jiġi onorat. Jekk dan ix-xogħol ser isir il-Kunsill iddeċieda li l-offerta toħroġ għall-parti tat-triq li hija fil-konfini tal-Għasri biss. Il-perit tal-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jinkludi kull possibilita' li jinqala waqt ikun qed isir ix-xogħol f'din it-triq. Jekk hemm bżonn li jsiru xi testijiet qabel toħroġ l-offerta dawn għandhom isiru.

## 8.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;

**8.10.01** Quddiem il-Kunsill tresqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-08 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 8.11 Mozzjonijiet.

**8.11.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 8.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**8.12.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Frar fis-7:00 p.m.

Konfermati, it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |